# STEDINA

## NINTRODUĊU LILNA NFUSNA

Bħala individwi, aħna nidentifikaw lilna nfusna bħala *Kristjani*. Bħala kongregazzjoni, aħna nidentifikaw lilna nfusna bħala *knisja ta' Kristu*. Dan hu biex nenfasizzaw ir-relazzjoni tagħna ma' Kristu. Aħna ta' Kristu, konna mgħammdin fi Kristu.

> "*Għax intom ulied Alla lkoll kemm intom, permezz tal-fidi fi Kristu Ġesù. Intom, li intom mgħammda fi Kristu, ilbistu 'l Kristu*" (Galatin 3:26-27).

Fi Kristu jinsabu l-barkiet spiritwali kollha (Efesin 1:3, 7). Kull membru tal-kongregazzjoni jaċċetta lil Ġesù bħala Mulej. Bl-awtorità Tiegħu kull wieħed huwa mgħaddas fl-ilma bl-għarfien li l-magħmudija hija meħtieġa biex jirċievi l-maħfra tad-dnubiet.

> "*Indmu, u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu* ***għall-maħfra ta' dnubietkom****…*" (Atti 2:38).

Aħna naċċettaw il-Bibbja bħala l-Kelma ispirata ta' Alla u nippruvaw biex insegwuha bħala l-unika gwida fi ħwejjeġ reliġjużi (1 Tessalonikin 2:13; 1 Timotju 3:16, 17). Aħna kongregazzjoni indipendenti mingħajr ebda affiljazzjoni denominattiva. L-Iskrittura tirrivela li kull kongregazzjoni għandha tkun iggvernata minnha nfisha taħt il-ħarsien ta' anzjani li huma msejħa wkoll, presbiteri jew isqfijiet (Atti 14:23; 1 Pietru 5:1-3; Filippin 1:1; 1 Timotju 3:1-7; Titu 1:5).

Aħna ma nistqarrux li aħna perfetti. Ilkoll għandna nuqqasijiet. Il-Bibbja tgħidilna li aħna lkoll nidinbu u niċċaħdu mill-glorja ta' Alla (Rumani 3:23). Għal din ir-raġuni aħna għandna bżonn lil Kristu. Is-sagrifiċċju perfett Tiegħu ħallas il-prezz għal dnubietna.

> "*Dak li ma kienx jaf x'inhu dnub, Alla għamlu dnub għalina sabiex aħna nsiru fih ġustizzja ta' Alla*" (2 Korintin 5:21).

Fi Kristu aħna għandna sħubija ma' Alla u ma' xulxin (1 Ġwanni 1:6-7).

Bħala kongregazzjoni, aħna rridu li naqsmu l-Aħbar it-Tajba ta' Ġesù Kristu ma' oħrajn. Għal din ir-raġuni, aħna nagħmlu proviżjon biex nippriedkaw l-evanġelju. Aħna niltaqgħu f'qima pubblika fejn nimxu fuq l-eżempju mogħti mill-appostli (Atti 2:42).

## INVESTIGA

Aħna nħeġġuk biex tinvestiga! Hija t-talba ferventi tagħna li int, il-ħabib/a tagħna, ma tmurx fil-ġudizzju mingħajr ma tinvestiga t-tagħlim

tal-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa. Għaliex? Għaliex in-nies għamlu żidiet għall-qima u l-prattika għal dawk li jimxu wara Kristu. Waqt li minn dan il-bdil jista' jkun popolari u spiss ipprattikat, aħna assolutament m'għandna ebda assigurazzjoni li dan il-bdil huwa approvat minn Alla. Fejn int tgħaddi l-eternità jiddependi fuq x'tagħmel int issa. Aħna nħeġġuk biex tistudja l-Bibbja, u segwiha bħala l-unika gwida infallibbli fi ħwejjeġ reliġjużi. Aħna m'aħniex setta; aħna m'għandna ebda lette-ratura xi nbiegħu, u aħna ma noffru ebda kotba ta' kredu, manwali, lanqas katekiżmu. Aħna mill-qalb nitolbuk biex tinvestiga l-Bibbja Mqaddsa!

## META INTI ŻŻUR

Aħna rriduk li żżurna. Inti tista' tistenna li tkun ittrattat bħala mistieden irrispettat u onorat. Int ma tkunx imbarrazzat b'ebda mod.

F'kull servizz hemm enfasi fuq ubbidjenza lejn Kristu u lkoll huma mħeġġa biex jaċċettaw Lilu bħala Mulej billi jobduh.

Hija l-intenzjoni tagħna li nkunu ggwidati mill-Bibbja biss. Għalhekk, il-qima tagħna tinkludi dawk l-attivitajiet biss li huma awtorizzati minn Kristu għall-Kristjani. F'kull l-ewwel jum tal-ġimgħa (Atti 20:7) l-Ikla tal-Mulej hija mfakkra (1 Korintin 11:24-26), Alla Hu mfaħħar permezz tal-kant (Kolossin 3:16), talb huwa offrut (1 Timotju 2:1-4), kull membru għandu opportunità biex jagħti kif Alla ordna (1 Korintin 16:1, 2), u l-Kelma ta' Alla hija l-bażi għat-tagħlim kollu (2 Timotju 4:1-5).

Nittamaw li int taċċetta din l-istedina biex tinvestiga dak li tgħid il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa dwar x'għandha tagħmel persuna biex togħġob lil Alla. Għaliex ma tippjanax biex iżżurna?

## IPPREŻENTAT MINN:

Knisja ta' Kristu
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida. MSD 10

e-mail: info@churchofchristmalta.com
jew idħol fil-website tagħna u għandek issib dak kollu li teħtieġ fuq kważi kull suġġett:
www.churchofchristmalta.com

Ħinijiet tal-laqgħat:
Il-Ħadd – Servizz ta' qima: 10.30 a.m.
L-Erbgħa – Studju mill-Bibbja: 7.00 p.m.